MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 978/2001/1

**Malorie Camenzuli**

**Vs**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-attrici Malorie Camenzuli hija xebba u tghix fl-istess dar m'ommha u ma missierha, Helen u Carmel Camenzuli rispettivament.

U premess illi l-attrici giet informata illi fis-27 ta' Novembru, 2000, gie esegwit mandat ta' qbid bin-numru

4025/00 fl-ismijiet Bank of Valletta P.l.c. vs Carmel u Helen mizzewgin Camenzuli.

U premess illi dan il-mandat ta’ qbid gie esegwit in parti fuq diversi oggetti mobbli, proprjeta’ esklusivva tal-attrici li hija ghandha fid-dar fejn tirrisjedi flimkien ma’ ommha u ma missierha, u li kienet qed izzmomm hemm sabiex din tkun tista’ tehodhom maghha meta tizzewweg.

U premess illi l-oggetti maqbuda permezz tal-mandat ta’ qbid hawn fuq imsemmi, u li izda huma proprjeta’ ta’ l-attrici, huma dawk li huma nnumerati bin-numri 1, 2, 3, 4, 5, 8, 9, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 19 u 20 fuq il-kopja tal-istess mandat ta’ qbid, hawn annessa bhala Dok. “A”, u dana jirrizulta wkoll mill-kopja ta’ l-ircevuti rappresentanti l-istess oggetti mobbli, hawn annessi bhala “B1- B15”.

U premess illi ghalkemm l-istess mandat ta’ qbid qed jghid illi dawn l-oggetti gew maqbuda mill-pussess ta’ Helen u Carmel Camenzuli dawn l-oggetti huma fil-fatt proprjeta’ esklussiva tal-attrici kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

U premess illi dan ifisser illi dan il-mandat ta’ qbid, in kwantu jirrigwarda l-eskluzzjoni fuq l-oggetti mobbli hawn fuq imsemmija, gie esegwit fuq proprjeta’ illi ma hijiex proprjeta’ ta’ Helen u Carmel Camenzulli – id-debituri fuq l-istess mandat.

U premess illi l-attrici tixtieq tissalvagwardja d-drittijiet taghha skond il-ligi sabiex il-proprjeta’ hawn fuq indikata li fuqha qed issehh esekuzzjoni, proprjeta’ esklussiva taghha, ma tibqax soggetta ghall-istess mandat ta' qbid, stante li tali esekuzzjoni naturalment hija ta’ pregudizzju ingenti u irremedjabbli ghal esponenti.

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-oggetti indikati bin-numri 1, 2, 3, 4, 5, 8, 9, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 19, u 20 fuq il-kopja tal-istess mandat ta’ qbid bin-numru 4025/00 fl-ismijiet Bank

of Valletta P.L.C. vs Carmel u Helen mizzewgin Camenzuli (Prim'Awla) huma proprjeta' ta' l-attrici;

2. Tiddikjara illi in kwantu jirrigwarda l-oggetti indikati bin-numri 1, 2, 3, 4, 5, 8, 9, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 19, u 20 fuq l-imsemmi mandat, il-mandat ta' qbid bin-numru 4025/00 fl-ismijiet Bank of Valletta P.L.C. vs Carmel u Helen mizzewgin Camenzuli, ma giex esegwiet korrettement.

3. Tirrevoka l-esekuzzjoni tal-istess mandat in kwantu jirrigwarda l-oggetti indikati bin-numri 1, 2, 3, 4, 5, 8, 9, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 19 u 20 fuq il-mandat ta' qbid bin-numru 4025/00 fl-ismijiet Bank of Valletta P.L.C. vs Carmel u Helen mizzewgin Camenzuli.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 39 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi, preliminarjament, is-socjeta' konvenuta ma ghandha qatt tbati l-ispejjez tal-prezenti procedura u lanqas tar-Rikors illi jakkumpanjaha stante illi s-socjeta' eccipjenti qatt ma giet avvicinata minn l-attrici b'din il-pretensjoni, sostanzjata jew le, u ghalhekk in pessima ipotesi, anki kieku l-attrici jirnexxielha tipprova illi l-oggetti hemm imsemmija huma proprjeta' taghha hija ghandha tissoporti l-imsemmija spejjez gudizzjarji.

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, ghandu jigi rilevat illi kif jirrizulta mill-ezekuzzjoni ta' l-istess Mandat, li kopja tieghu tinsab esebita mac-citazzjoni bhala Dok. "A", meta l-Marixxal ezekutant mar jezegwixxi dan il-Mandat fis-27 ta' Novembru, 2000 hadd mid-debituri Carmel u Helen Camenzuli ma nfurmah illi l-oggetti hemm imsemmija ma humiex proprjeta' taghhom. Kien biss aktar minn sitt (6) xhur wara illi r-rikorrenti ghogobha

tintavola dawn il-proceduri u ghalhekk hija l-attrici illi trid tipprova dak li qed issostni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

F’dina l-kawza l-attrici qed titlob dikjarazzjoni mill-Qorti li l-oggetti maqbuda mill-post tal-genituri taghha fuq talba tal-Bank konvenut bil-mandat fuq imsemmi kienu fil-fatt proprjeta’ taghha kif indikat fil-premessi tac-citazzjoni u fid-dokumenti ezibiti. L-oggetti gew elevati in esekuzzjoni ta’ sentenza tal- Qorti tal-Prim Awla fl-ismijiet Paul Gambina noe kontra Anthony Coliero u Carmel Camenzuli noe et deciza fl-24 ta’ Marzu, 1997.

Il-Bank konvenut eccepixxa fil-mertu li l-attrici trid tipprova li l-oggetti elenkati fil-mandat ta’ qbid huma taghha. Fi kwalunkwe kaz huma m’ghandhomx ibatu spejjez billi l-attrici qatt ma avvicinat lill bank bil-pretensjoni taghha, sostanzjata jew le, u qabdet u pprocediet bil-prezenti proceduri sitt xhur wara li gie esegwit il-mandat u bla ma gie indikat xejn lill marixall meta eleva l-oggetti.

Illi mill-provi prodotti, mid-dokumenti ezibiti, u mix-xhieda mismugha jirrizulta li l-oggetti maqbuda, li l-attrici indikat bhala taghha, fil-fatt huma proprjeta’ eskussiva taghha. Dawn kienu ghamara *second hand* li kienu qeghdin ghand il-genituri taghha billi hija gharusa u qed tfittex post fejn tmur tghix.

L-ircevuti esibiti huma fil-maggoranza taghhom datati 1997 u 1998. Ghalkemm fuq xi dokumenti (ara fol. 55 u 56 u 12 sa 15) hemm xi differenza fil-kitba fid-dokumenti izda mix-xhieda ta’ min biegh dawn l-oggetti jirrizulta li fil-fatt l-attrici kienet xtrat dawk l-oggetti hlief ghal xi oggett wiehed ta’ valur zghir li mhux il-kaz li l-Qorti toqghod tiddistingwihom.

It-talba attrici ghalhekk tirrizulta gustifikata kif anke tirrizulta gustifikata l-eccezzjoni tal-bank konvenut fir-rigward ta’ l-ispejjez ta’ dina l-kawza. L-ispejjez ghandha tbatihom l-attrici billi dina ma nfurmatx lill bank qabel ipprocediet bil-kawza, u l-inadempjenza tal-genituri taghha li ma hallsux id-debitu taghhom ipprovokaw il-kawza. Dawn ma kienux infurmaw kif suppost lill marixall li kien qed jesegwixxi l-mandat biex inizzel li l-oggeti li kien qed jeleva ma kienux taghhom.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa’ t-talba attrici u
tiddikjara illi l-oggetti indikati bin-numri 1, 2, 3, 4, 5, 8, 9, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 19 u 20 fuq il-kopja tal-mandat ta’ qbid 4025/00 fl-ismijiet Bank of Valletta P.L.C. vs Carmel u Helen mizzewgin Camenzuli (Prim’Awla) huma proprjeta’ ta’ l-attrici;
u tirrevoka l-esekuzzjoni tal-istess mandat in kwantu jirrigwarda l-oggetti indikati bin-numri 1, 2, 3, 4, 5, 8, 9, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 19 u 20 fuq l-istess mandat ta’ qbid.
Spejjez ghall-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------